MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 13/2013

**Victor Pace e (ID 67060M), Chris D'Ugo (ID212776M) u Jospeh Zammit (ID773750M) fil-kwalita' taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivamnet tal-kumitat ta' Ta' Xbiex Aquatic Sports Club u in rapprezentanza tal-istess**

**vs**

**Guzeppi sive Joseph u Dolores konjugi Dalli (ID 0747045M u 0141544M rispettivament)**

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi permezz ta' skrittura privata tal-10 ta' Gunju 2010 ir-rikorrenti ikkoncedew il-pussess u uzu tal-fond maghruf bhala Ta' Xbiex Aquatic Sports Club, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex taht il-pattijiet hemm indikati.

Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' €9,019.41 in kwantu ghal €5,500 in linea ta' arretrati ta' kumpens ta' uzu ta' okkupazzjoni tal-bar tal-imsemmi fond

u in kwantu ghal €3,519.41 rapprezentanti arretrati tas-servizzi tad-dawl u ilma wzat u konsmat mill-intimati fl-istess fond.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet 'Victor Pace et vs Joe Dalli et' rikors numru 233/2012 CSH tad-9 ta' Jannar 2013 gie ritenut illi l-Qrati ordinarji m'humiex kompetenti jisimghu l-vertenza u li din tispetta esklussivament lill-Bord li Jirregola l-Kera.

Illi l-intimati interpellati ripetutament sabiex ihallsu dawn il-kontijiet baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €9,019.41 ghar-ragunijiet premessi bl-interessi mill-ittra legali tat-22 ta' Marzu 2012 kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez tal-prezenti;

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li tghid;

Illi t-talbiet huma talbiet pekunarji u dan il-Bord ma ghandhux kompetenza li jiddeciedi specjalment fuq il-kwistjoni meta anki fir-rikors promotur hemm indikat mir-rikorrenti li l-kwistjoni hija fuq kontijiet biss u di piu hemm talba ghall-hlas allegatament pendenti fuq tad-dawl u ilma li zgur li tinkwadrax dan il-Bord;

Illi minghajr pregudizzji ghas-suespost l-esponenti jirrispingi t-talbiet tar-rikorrenti bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li kien hemm ftehiem illi l-esponenti icedi l-pussess tal-fond u jinhafru l-pendenzi finanzjarji u dan il-fatt ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza jekk l-ewwel eccezzjoni ma tigiex milqugha.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi din hija sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-intimat kwantu din diretta lejn in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' dan il-Bord. L-intimat jecepixxi illi dan il-Bord mghandux kompetenza jismgha din il-kawza ghaliex hija dwar talba ghal-hlas ta' arretrati ta' kera u spejjez ta' servizzi ta' dawl u ilma;

Illi irid jinghad minnufih illi din l-eccezzjoni hija destinata li tfalli. Dan ghaliex kif gia kellu opportunita' jiddeciedi dan il-Bord f'diversi kawzi ohra, wara l-emendi fil-Kodici Civili Kapitolu 16 u fil-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Att X tal-2009, il-materja in dizamina tirrientra fil-kompetenza ta' dan il-Bord. Ara per ezemplari id-decizzjoni fir-Rikors 121/2011 fl-ismijiet **George Muscat noe vs Anton Zammit noe et** prolatata fis-6 ta' Dicembru, 2012. Fil-konsiderazzjonijiet tieghu il-Bord kien tracca l-origini tal-gurisdizzjoni l-gdida tieghu moghtija bis-sahha tal-Att appena citat. F'dik id-decizzjoni kienu ukoll citati sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-Qorti tal-Appell dwar l-istess materja hawn devoluta. "*Dan kollu gia kien diskuss u deciz fil-kawzi* ***Joseph Camilleri et vs International Trading Company Limited PA (JA) 31.1.11*** *kif ukoll konfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fi6-16 ta' Lulju 2012 fil-kawza fl-ismijiet* ***PL John Privitera noe vs Joephine Camilleri****. Fiz-zewg sentenzi kien deciz illi t-Tribunal kompetenti biex jisma' kawzi dwar kera dovuta mill-inkwilin huwa l-Bord tal-Kera*"; Fil-kawza odjerna il-Bord ma inghata ebda raguni ghaliex ghandu ivarja l-fehma tieghu gia espressa dwar il-kompetenza tieghu f'materja li tolqat arretrati ta' kera u materji ohra in konessjoni mal-obbligi naxxenti minn ftehim lokatizju;

Illi tajjeb li jkun senjalat ukoll illi din l-eccezzjoni hija wahda frivola ghaliex l-intimat kien gia eccpixxa n-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati f'kawza fl-istess ismijiet u dwar l-istess mertu. Fil-kawza Victor Pace et vs Joe u Maria Dolores konjugi Dalli Avviz 233/2012, l-istess intimati odjerni kienu ecceppew hekk: "*Illi fl-ewwel lok din*

*il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' kwistjonijiet ta' kera u se mai din il-kawza messa giet intavolata quddiem il-Bord tal-Kera ghax dak huwa l-Bord li ghandu kompetenza jisma kazijiet ta' natura gejn hemm kwistjonijiet ta' kera*" . Dik il-Qorti kienet gustament laqghet din l-eccezzjoni u ghalhekk ddikjarat ruhha priva mill-kompetenza sabiex tkompli tisma' l-kaz. Issa li l-vertenza kienet intavolata quddiem dan il-Bord, l-istess intimata qeghdin jecepixxu l-inkompetenza ta' dan il-Bord.

Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni preliminari tal-intimati qed tkun respinta.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------